Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

MALTA

Rikors Nru. CCT G 1/11 (JE).

Rose Galea

vs

Melita p.l.c.

Illum, 30 ta' Novembru 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Rose Galea tal-21 ta' Jannar 2011 fejn talbet illi tittermina l-kuntratt li kellha mas-soċjetà konvenuta b'mod immedjat billi qatt ma kienet avżata dwar ebda kuntratt u l-anqas ma qiegħda taqbel mal-kontijiet illi qiegħda tirċievi. Talbet ukoll illi ma tħallasx il-multa billi qatt ma ġiet avżata illi kienet qed tiffirma kuntratt.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha stqarret illi l-attriċi ffirmat kuntratt ta' 24 xahar fit-18 ta' Frar 2010 għas-servizz tat-televiżjoni "Television Medium Package" li jammonta għal € 7.76 fix-xahar. Klawsola 10 ta' dan il-kuntratt tistipula li l-kuntratt huwa validu għal 24 xahar u terminazzjoni prematura tal-kuntratt tipprovoka "Early termination fee" mal-bilanċ pendenti. Inoltre, l-klawsola 9 tal-kuntratt jagħti lill-attriċi ħmistax żmien sabiex tikkanċella l-kuntratt. Il-bilanċ dovut għas-servizz mogħti lill-attriċi huwa € 19.64 kif ukoll il-"bqija ta' l-installazzjoni" u jekk l-attriċi trid tittermina s-servizz, trid tħallas tali bilanċ flimkien ma' l-"Early Termination Fee" u tirritorna l-apparat.

Sema l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi verament il-provi illi ġew prodotti huma pjuttost skarsi. Il-partijiet jaqblu illi d-dokument "RG1" huwa l-kuntratt bejn il-partijiet. Illi jidher evidenti, u l-anqas ma ġie miċħud, illi l-attriċi ffirmat dan il-kuntratt. Jekk l-attriċi ma kienetx qed tifhem għalxiex kienet qed tiffirma, affermazzjoni illi bl-ebda mod ma ġiet suffragata, l-attriċi għandha tbati l-konsegwenzi. Illi inoltre, is-soċjetà konvenuta affermat illi l-attriċi talbet illi s-servizz jiġi riattivat fl-4 ta' Diċembru 2010 wara illi s-servizz kien interott, presubilment minħabba nuqqas ta' ħlas. Għaldaqstant, anke jekk għal grazzja ta' l-argument l-attriċi kellha raġun fil-pretensjonijiet tagħha, ċertament jidher illi rrinunzjat għal tali pretensjonijiet meta talbet illi s-servizz jiġi riattivat.

Illi t-Tribunal l-anqas jista' jieħu konjizzjoni tat-talbiet tas-soċjetà konvenuta stante illi ma sarietx l-apposita kontro-talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.